MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru 268/2001

Il- Pulizija
(Supretendent Niel Harrison,
Spettur Norbert Ciappara)

-vs-

*AB*

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi *AB* - *omissis*.

Akkuzat talli f' dawn il- Gzejjer fit- 23 ta' April 2001, u matul l- ahhar xhur qabel dina d- data:-

a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f' dawn il- Gzejjer jew barra minn dawn il- Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (kokajina) f' dawn il- Gzejjer

kontra id- dispozizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l- assocjazjoni.

b) Importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f’ Malta, hlief skond id- dispozizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta.

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d- droga kokajina, specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza, Dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, lill- persuni/i, jew ghall- persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill- President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939, ghall- Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ mghotija mill- President ta’ Malta, li jforni d- droga msemmija, minghajr ma kien fil- pussess ta’ awtorizzazjoni ghal- importazzjoni jew ghall- esportazjoni mahrug mit- tabib Principali tal- Gvern, skond id- dispozizzjonijiet tas- sitt taqsima tal- Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d- droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regolament 4 tar- regoli tal- 1939, ghall- Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif susegwentament ammendati u bi ksur tal- Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta.

d) Kellu fil – pusess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl- ewwel skeda ta’ l Ordinanza, Dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil- pusess ta’ awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern, skod is- sipozizzjonijiet tar- 4 u tas – 6 taqsima ta’ l- Ordinanza, u meta ma kienx bil- licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimanifattura jew li jforni droga msemmija u ma kienx b’ xi mod iehor, bil- licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu fil- pusess tieghu dina d- droga, u naqas li jipprova li d- droga msemmija git fornita lilu ghall uzu tieghu skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar- regolament 8 tar- regoli tal-

1939, dwar il- Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif susegwentament ammendati u bi ksur tal- Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, *liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma’ kienitx ghall- uzu esklussiv tieghu.*

e) Bhala *-omissis-* , ircieva jew acetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma’ kellux jedd, u barra milli acetta l- hlas, l- weghda jew l- offerta, kien fil- fatt naqas li jaghmel dak li hu fid- dmir tieghu li jghamel.

Il- Qorti hija mitluba sabiex tordna lill- imputat sabiex ihallas l- ispejjes li ghandhom x’ jaqsmu mal- hatra tal- esperti, skond l- artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali tas- 16 ta’ Dicembru 2002.

Rat in- nota l- ohra ta’ l- istess jew fej l- Avukat Generali fejn baghat lill- akkuzat quddiem din il- Qorti billi seta kien hemm htija dwar ir- reati msemmija fl- artikli 115(a), 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Semghet it- trattazzjoni tal- prosekuzjoni u tad- difiza.

Ikkunsidrat,

1. L- ewwel haga li trid tigi stabbilita mill- prosekuzjoni hija li l- pakkett, li jissemma f’ dawn il- proceduri, u li dwarhu mixli l- akkuzat hux l- istess wiehed li jsemmi l- akkuzat u kienx fih kokaina.

2. Il- prosekuzzjoni esebiet ix- xhieda / dikjarazzjoni ta’ Simon Xuereb li ghadda proceduri quddiem din il- Qorti, diversament preseduta. Mid- dikjarazzjoni guramentata quddiem il- Magistrat ta’ l- Ghassa, Xuereb, li kien involut skond l- istess stqarrija teighu jiddikjara li l- ewwel pakkett kien fih kokajina li hu ghen fit- traffikar taghha. Hawn id- dikjarazzjoni li jsemmi l- artikolu 30A tal- Kap. 101. Ma tistax tigi accettata is- sottomissjoni tad- difiza li l- imsemmi Xuereb stqarr dak li qallu haddiehor.

3. L- imputat hu akkuzat li assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’ dawn il- Gzejjer jew barra minn dawn il- Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika (kokajina) f’ dawn il- Gzejjer. Hawn irid jigi mistharreg x’ gara tassew u jekk gara xi haga kienx imdahhal l- akkuzat, jekk kien imdahhal x’ ghamel.

4. Fil- qasir jinghad x’ gara. Hemm ix- xhieda mressqa min- naha tal- prosekuzzjoni u hemm dik tad- difiza. L- akkuzat ghazel li jixhed. Il- pakkett li semmi Xuereb, li jssemmi l- prosekuzjoni, li jsemmi l- akkuzat huma l- istess haga.

5. L- akkuzat hu *–Omissis-* nkarigat minn *–Omissis-*, processing u gieli anke kaxxier *–Omissis-*.
Hafna mix- xhieda moghotija hi dwar hidma li ghamlet il- pulizija dwar traffikar ta’ droga wara li kellha taghrif f’ Marzu 2001 li kienet ser tidhol Malta mill- Canada permezz ta’ parcel iddikjarat li fih autoparts, indirizzat lil xi hadd Portelli, l- Marsa. Il- Pulizija ghamlet hidma u fit- 22/23 ta’ April 2001 arrestat numru ta’ nies meta l- parcel wasal Malta u li kien fih ma affarjiet ohra 2 klio u 250 gramma kokajina. Fost dawk arrestati kien hemm certu Simon Xuereb li jew hu jew missieru kellhom f’ idejhom stalla bin- numru 2, Sqaq l- Isqajjaq, Triq it- Tigrija, l- Marsa fejn suppost kellu jasal il- pakkett indirizzat bl- isem Portelli li kien fittizju.

6. Xuereb ghamel stqarrija lill- Pulizija li wara halef quddiem il- Magistrat Inkwerenti li f’ nofs Marzu ta’ l- istess sena kien wasal parcel <u>iehor</u> ta’ l- istess ghamla li

kien fih kokajina u li mit- traffikar tieghu hu ha Lm 3000. Dan il- parcel u d- droga ta' go fih qatt ma nstabu mill-Pulizija.

7. Fl- investigazzjoni dwar it- tieni parcel ghand Norman Bezzina instabet karta. –*Omissis*- u numru tat-telefone tieghu. Din m' hiex xi prova kontra l- akkuzat. Dwar it- tieni parcel l- akkuzat gie misjub biex dan jinhareg. Anthony Gatt, hu l- mara ta' l- akkuzat kien kellmu izda billi ma kellux 'avviz' il- parcel ma setax jinhareg. L- avviz ingieb, inghata lill- akkuzat minn Gatt li qallu li minn dak li "seta jara mill- karta l- pakkett ma kienx hemm imma kien qieghed fil- fergha tal- Hamrun. Ghaldaqstant ma setax huwa johroglu l- pakkett.

8. Il- Qorti thoss li hawn ghanda tirriproduci dak li a tempo vergine stqarr l- akkuzat bil- gurament:

Mistoqsija: Norman Bezzina wara dan, lilek kellmek fuq l-istess parcel? (zieda ta' din il- Qorti: it- tieni parcel li nstab mill- pulizija)

Twegiba: Norman kien gie wkoll il- parcel post office, kiteb l- isem Joe Portelli u xi ndirizz, fejn fost kliem iehor kien hem il- kelma 'stables'. Ftakart li dak il- parcel ma kien qieghed hemmekk, u ghedtlu li kien qeighed il-Hamrun. Jista' jkun li Norman kellimni f' zewg okkazjonijiet u kien offrieli xi flus talli nohroglu l- pakkett. Offrieli xi flus u jidhirli li qalli nahseb fih. Jiena pero' ghedtlu li ma stajtx nohroglu l- parcel ghax kien qieghed il- Hamrun.

Mistoqsija: Tiftakar li xi xahar u nofs ilu, ezattament fl- 14 ta' Marzu 2001, kien hemm parcel iehor. Kien gie Tony ghalih ukoll halli johorgu?

Twegiba: Jidhirli iva, li kien xi nofs Marzu 2001, kien gie Tony Gatt b' karta zghira, li fuqha kien hemm miktub isem u jidhirli l- istess Joe Portelli, u l- kelma stables miktuba. Dan il- parcel kien fih daqs xi pied kwadru jew xi ftit aktar. Kien parcel tal- brown paper, u kien gej mill- Kanada.

Niftakar li kienu ddikjarati bhala autoparts, u kien hemm il-valur b' Canadian Dollars.

Hallas xi dazju li hdimtlu jiena stess, u hallas xi ftit dazju. Hrigtlu ricevuta.

Mistoqsija: Inti ftahtu l- parcel biex tara x' kien fih?

Twegiba: Iva, ftahtu u sibt li kien fih autoparts.

Mistoqsija: Kif kienu l- autoparts?

Twegiba: Ma niftakarx.

Mistoqsija: Kemm tawk flus Tony jew Norman talli hrigt l-ewwel parcel?

Twegiba: Norman fl- ewwel parcel ma deherx. Ma Tony biss thaddit. Tony taghni l- LM 100 hemm gew stess. Tghajhomli fl- ufficju li ghandi hemmekk il- post. Tony qalli li fil- parcel kien hemm ftit deheb.

Mistoqsija: Ghalfejn allura tak il- LM 100?

Twegiba: Taghni l- LM 100 talli mexxejtlu l- parcel malajr, peress li huwa kien qalli li kien fih id- deheb.

Mistoqsija: Inti rajtx jekk fil- fatt kienx hemm deheb jew affarjiet ohra?

Twegiba: Ma ccekjajtx sewwa, dahhalt ftit idi, hassejt qisa xi hadida u daqsekk. Fil- parcel jiena ma ttawaltx sewwa. Ma nafx ezatt x' kien hemm fil- parcel. Deheb fih jiena ma rajtx. Kull ma ghamilt jien kien li missejt il- wicc, ghalaqtu, b' tape tad- Dwana.

Mistoqsija: Dazju fuq l- ewwel parcel, kemm thallas?

Twegiba: Xi cucata. Zgur li ma hallasx Lm100, hafna anqas.

Mix- xhieda li ta l- akkuzat quddiem il- Qorti jirrizulta li fuq <u>l- ewwel</u> pakkett kien hemm miktub autoparts (fol 315).

Dwar it- tieni pakkett Bezzina Norman qallu "li hemm xi kilo deheb, u qalli niehu hsiebek. Ghedtlu ma ghandekx ghalfejn, ghedtlu ghax jekk tmur iggib invoice u tmur il-Hamrun...." (fol 323)

9. Meta xehed quddiem il- Qorti l- akkuzat biddel affarjiet importanti li kien stqarr f' dikjarazzjoni gjuramentata. Il- Qorti semghet lill- akkuzat jixhed imma ma tistax tistrieh fuqu kif lanqas tista' tistrieh fuq Anthony Gatt.

10. L- akkuzat jaf sewwa x- xoghol tieghu (ara xhieda dwar kif isir ix- xoghol skond John Refalo). Gie mqabbad biex jghaddi parcel. Min ried li dan jasal zgur u li ma tinstabx id- droga li kien fih. Saru t- telfonati, l- akkuzat fittex il- parcel, sabu u ghamel dak kollu li seta biex il-parcel jidher li gie investigat u kollox jidher sew. Il- Qorti ma taccettax l- argument tad- difiza li l- akkuzat uza d-diskrezzjoni tieghu meta iddecieda li jiftah il- parcel. Dwar il- ftuh tal- parcel l- akkuzat fix- xhieda tieghu jaghmel tahwida. Spare parts / deheb, dahhal idejh gol kaxxa, hass hadid, fittex go fih, ma harisx lejn dak li hassu idejh. L- akkuzat kien fthiem minn qabel li ser johrog il- parcel u hargu. Hareg bl- iskuza ta' l- auto parts. Wara holoq id-deheb. Ma ghamel xejn meta kien jaf minn qabel dwar deheb u sab iddikjarati auto parts. Ma segwiex il-procedura dwar l- importazzjoni tad- deheb minkejja li hu bniedem li jaf il- proceduri tad- dipartiment. Il- proceduri dwar kitba u firem segwihom, l' bqija kollox kien farsa. Thallas talli ma qghdiex dmiru u mhux ghax qdieh. Jivvinta dwar il- LM 100, li qalulu f' xi zmein li jzomm l-ammont izjed mill- ammont dovut lill- Gvern. Stramb il- fatt li jitnizzel l- isem ta' Joe Portelli.

11. Kemm id- difiza u l- prosekuzjoni strahu hafna fuq l- artikolu 26(2) tal- Kap 101. Dan is- subinciz gie dikjarat li jwegga il- Kostituzjoni ta' Malta in re 'The Republic of Malta vs Eyre et' (App. Kost. 1 ta' April 2005). Is- sentenza tirreferi ghal dak il- kaz biss u tidhol f' dettalji ohra partikolari. Is- sentenza, inghatat wara, li fil- kaz li ghandha quddiemha l- Qorti nghalqu l- proceduri kollha. Il-

Qorti, li f’ kazijiet ohra ser issegwi dik is- sentenza (il-legislatur ghadu ma ha l- ebda pass) ma jarax li hawn japplika dak l- artikolu. Hawn mhux il- kaz ta’ bniedem li kiser “xi dispozizzjoni ta’ din l- Ordinanza jew ta’ xi ligi ohra” imma ta’ bniedem li qed jivvinta biex jghatti ghemilu. Qed jghid li ma kiser l- ebda ligi, li ghamel kollox sew u li ma kien jaf xejn. Mix- xhieda jirrizultaw hwejjeg ohra.

12. Il- Qorti ser tghamel referenza ghas- sisien tal- ligi kriminali Maltija mehudha mill- imsemmija sentenza.

“However, it has always been accepted….. that there may be circumstances where it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself…….

The principles applied by Maltese Courts of Criminal Justice in this field are quite clear:

(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt;
(ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities;
(iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted;
(iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact or a balance of probabilities, account must be taken of all the circumstances of the case;
(v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence.”

13. Mehudin dawn il- principji fid- dawl tax- xhieda imressqa gie ppruvat li l- akkuzat ghen lil haddiehor biex tidhol droga kokaina f’ dawn il- Gzejjer. Kien jaf x’ kien fih il- pakkett, uza l- kariga teighu b’ mod subdolu u ta’ dak li ghamel thallas. Kien komplici importanti fl- importazjoni ta’ kokaina. Importazzjoni kif imfisser fl- art 2 (1) tal- Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta: “importazzjoni tal- verzjonijiet grammatikali taghha u bl- espressjonijiet imnisslin minna, tfisser, rigward Malta, iggib jew iggieghel li jingieb f’ Malta b’ kull mod li jkun”. Li d- droga ingabet Malta mhux kontestat. L- akkuzat ma jikkunsmax droga. Barra dan hemm ix- xhieda ta’ Xuereb dwar il- kwantita’ u kif tqasmet.

14. Dan stabbilit, il- Qorti ser tezamina l- ewwel akkuza li l- akkuzat:

“assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’ dawn il- Gzejjer jew barra minn dawn il- Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (kokajina) f’ dawn il- Gzejjer kontra id- dispozizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l- assocjazjoni.”

15. Il- Kap 101 (art 22 (1A)) jghid li assocjazjoni tezisti “malli jigu kkumbinati jew mifthema il- mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il- persuni ghandhom jimxu.” In re ‘The Republic of Malta vs Steven John Caddick et’ (06/03/03) l- Onorabbli Qorti tal- Appell Kriminali qalet li:

“The three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action, “it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.”
Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons (section 22(1A)) Chapter 101. Mere intention is not

enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged with conspiracy <u>and</u> the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co – principlars or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is <u>not necessarily</u> going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

16. Fil- fehma mqisa ta' din il- Qorti hemm fil- kaz l- assocjazzjoni (bl- ingliz Conspiracy). Giet sustanza mill- Canada, l- akkuzat fuq struzzjonijiet ta' Gatt li semmielu nies ohra, ghaddielu l- pakkett li wara dan ghaddieh lil haddiehor. Ir- reat gie kommess. Ma kienx hemm biss il- ftehim imma l- kommissjoni tar- reat.

17. Dwar it- tieni akkuza din tirrizulta wkoll mill- ftehim fuq elementi. L- akkuzat "ghamel" xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza f' Malta.

18. Tirrizulta wkoll it- tielet akkuza billi l- akkuzat ma kellu l- ebda licenzja mill- President ta' Malta. Ma kellu l- ebda awtorizzazzjoni li jforni droga minn hadd jew minn xejn. Kiser il- ligi u r- regolaemnti tahtha maghmula. Ma tapplikax ghal- kaz il- parti tal- ligi dwar awtorizzazzjoni ghall- esportazjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern billi d- droga baqghet Malta u giet imqassma f' Malta.

19. Jirrizulta li ghal certu hin l- akkuzat kellu fil- pussess tieghu droga li ma kienetx ghal uzu tieghu. Hu la jiehu u lanqas qatt ha. Zamm id- droga sakemm ghadiha

lil min kien miftiehem mieghu biex jehodha. Dan ir- reat jirrizulta ‘ta’ bil- fors’ la jirrizultaw ir- reati l- ohra.

20. L- Avukat tar- Repubblika indika l- artikli li gejjin bhala dawn li tahthom tista’ tinsab htija – artikoli mill- Kodici Kriminali: 115(a), 17(b), 20, 22, 23 u 553.

21. L- art 115(a):

“*-Omissis-* , in konnessjoni mal- kariga jew impieg tieghu, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew wegheda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux huwa ma jkollux jedd, jehel meta jinsab hati.

(a) jekk l- iskop tal- hlas, tal- wegheda jew ta’ l- offerta, ikun sabiex jaghmel dak li hu fid- dmir tieghu li jaghmel, il- piena ta’ prigunerija minn tlett xhur sa disa’ xhur.”

Dan l- artiklu mhux applikabbli ghal kaz. Hawnhekk l- akkuzat kellu jwiegeb ghall- artikolu 115(c) billi ha flus biex ma jghamilx dak li kellu jghamel. Gara x’ gara l- art 115(a) mhux applikabbli ghal kaz u l- akkuzat mhux hati li kisru. L- akkuza originali hi differenti.

22. L- artikolu 17(b) hu dwar l- konkors ta’ reati u pieni u hu applikabbli ghall- kaz.

23. L- art 21 u 22 huma ukoll dwar pieni. L- artikolu 23 hu dwar il- corpus delicti. L- art 533 hu dwar spejjez mghamula mill- Qorti fil- hatra tal- periti u hu applikabbli ghall- kaz.

Ghar ragunijiet fuq imsemmija l- Qorti ssib lill- akkuzat mhux hati ta’ l- akkuza (e). Issibu hati ta’ l- ewwel akkuza, tat- tieni, tat- tielet u tar- raba’ akkuza: rat l- art 15A(1), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i), l- G.N. 292 tal- 1939 regolamenti 4 u 9 u l- art 17(H) tal- Kap 9. Tikkundannah hames snin (5) prigunerija u multa ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3000).

Il- corpus delicti ma nstabx.

Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a tenur ta’ l- art 533 tal- Kodici Kriminali tilqaghha u tordnalu li jhallas l- ispejjez peritali fi zmien xahar m’ illum.

Il- Qorti tordna li l- isem ta’ l- akkuzat, il- kariga tieghu u fejn jahdem ma jigi mxandra fuq l- ebda sura ta’ medja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------